# Zewg minjaturi tal-Grammastru L'Isle Adam.

minn KAN. ĠWANN AZZOPARDI, kuratur tal-Musew tal-Katidral.

Fir-Rabat insibu diversi tifkiriet ta' l-ewwel Gran Mastru ta' l-Ordni li ħakem lil Malta, Fra Philippe Villiers de l'Isle Adam li ħa l-pussess tiegħu ġewwa l-mdina u li ġab l-Ordni tal-Kavallieri minn Rodi u miegħu ġab ukoll bosta tifkiriet ta' l-Ordni.

Fit-teżor tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, hemm kalċi tal-fidda li fis-sieq tiegħu hemm ħaġra ta' l-enamel bl-istemma ta' l'Isle Adam. Dan hu xogħol ta' arġentier ta' Pariġi tas-sena 1530/31 (1).

Fil-Kunvent Ta' Ġieżu hemm iċ-ċella fejn dan il-Gran Mastru, li kien midħla tal-Kunvent, miet — fuqha hemm skrizzjoni mnaqqxa fl-irħam li tfakkar din il-ġrajja. Fil-knisja mbagħad ġo urna fil-ħajt hemm midfun il-ġewwieni tiegħu kif tixhed skrizzjoni li qegħda tgħattih.



Tifkiriet ħajjin huma l-Każin u l-Banda L'Isle Adam li jġibu ismu u li huma tant marbutin mal-festa li l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tagħmel fl-Oratorju u fil-knisja tal-Patrijiet tal-Franġiskani Minuri.

Ħsibt għalhekk li fil-festa ta' San Ġużepp nagħti tagħrif qasir fuq żewġ minjaturi ta' L'Isle Adam li ltqajt ma' slides tagħhom f'Londra u li jinsabu fi Ktieb Korali qadim u artistiku.

## KOTBA KORALI U MINJATURI

Illum aħna mdorrijin nużaw fittalb tagħna messalini u Bibbji ta' daqs moderat f'idejna. Iżda qabel ma vvintaw l-istampa, fil-knejjes, is-saċerdoti u l-kantanti kienu jaqraw u jitolbu fuq l-istess ktieb, aktarx ta' daqs enormi, u miktub bl-idejn minn kopisti mħarrġin.

F'okkażjonijiet speċjali u fi knejjes u istituzzjonijiet għonja, bħal katidrali u knejjes tal-Kavallieri, il-kitba kienet issir mhux fuq karta iżda fuq parċmina (jew ġild ta' ngħaġ jew ta' mogħoż illustrat minnaħa waħda. It-test ta' l Iskrittura, bosta drabi akkumpanjat min-noti tal-mużika għall-kant kien jiġi inkwadrat f'bordura mżejna minn

kuluri u fjuri, kultant b'figuri ta' persunaġġi konnessi mal-qari. L-ewwel ittri mbagħad tal-lezzjoni jew ta' l-antifoni kienu jkunu kbar, indurati bid-deheb u ġo fihom kien jitpinġa l-episodju tal-ġrajja. Dawn itpinġijiet jissejħu minjaturi.

L-istudju tal-minjaturi hu suġġett għal qalb ta' diversi studjużi u matul is-snin studenti w skulari jivvjaġġaw f'diversi bliet u pajjiżi biex jistudjaw il-minjaturi tal-kotba korali u jiggruppawhom skond l-oriġini tagħhom. Wieħed mill-aħħar studji serji sar mill-Professoressa Angela Daneu Lattanzi u jġib l-isem MANOSCRITTI ED INCUNABULI MINIATI DELLA SICILIA (2).

L-awtriċi, qabel mietet, kellha ħsieb u xewqa li tiġi Malta biex tkompli r-riċerka tagħha fuq il-minjaturi li jinsabu f'Malta. Għax f'Malta wkoll jinsabu diversi kotba korali b'minjaturi sbieħ. Hemm kollezzjoni wisq sabiħa fil-Mużew tal-Kattidral ta' S. Ġwann. Dawn il-kotba kollha kienu ġew regalati lill-knisja konventwali ta' l-Ordni minn diversi Gran Mastri — fosthom hemm seba' li kienu ġew kummissjonati mill-Gran Mastru L'Isle Adam għall-knisja konventwali ta' l-Ordni meta kien għadu Rodi. Il-kavallieri aktar tard ġabuhom magħhom f'Malta.

Fil-katidral ta' l-mdina wkoll hemm xi kotba korali bil-minjaturi, fosthom hemm il-**Codex Evangeliorum Melitensis** (3) jew test tal-Vanġeli b'tant minjaturi żgħar, wieħed minn grupp ta' familja ta' kotba korali ta' oriġini Siċiljana. Dan l-aħħar, studjuż ieħor, Valentino Pace ippubblika tagħrif siewi fuqhom (4).

## IŻ-ŻEWĠ MINJATURI TA' L'ISLE ADAM

Niġu issa għal dawn iż-żewġ minjaturi. Jiena rajt slides tagħhom fil-Bibljoteka tal-Mużew tal-Kavallieri tal-Venerable Order of St. John, li għandhom is-sede ċentrali tagħhom f'St. John's Gate, Clerkenwell, Londra. Din hi l-fergħa Protestanta ta' l-Ordni. (5)

Iżda l-ktieb korali nnifsu qiegħed mhux fi Clerkenwell iżda fil-British Library.

Jidher li dan il-ktieb hu l-Evanġeljarju għax iġib it-test ta' l-Evanġelju. Iż-żewġ minjaturi ta' L'Isle Adam huma fil-parti li tittratta d-dħul ta' Kristu f'Ġerusalem. F'waħda



minnhom Kristu jidher dieħel trijonfalment fil-Belt ta' Ġerusalem imdawwar minn folla ta' nies jifirxu l-imnatar fl-art biex igħaddi minn fuqhom waqt li f'rokna jinsab il-Gran Mastru L'Isle Adam bil-wieqfa liebes l-abiti korali bis-salib ta' l-Ordni, f'poża li tagħtik x'tifhem li hu l-benefattur ta' dik l-opra, jiġifieri dak il-ktieb korali lussuż. Mad-dawra tal-paġna hemm girlanda rikka b'ornamenti ta' fjuri u motivi dekorativi oħrajn.

Il-Minjatura l-oħra toħodna f'ċirkustanza storika li seħħet ftit wara d-daħla trijonfali f'Ġerusalem. Kristu bagħat lil xi appostli jhejjulu għall-aħħar ikla ta' l-Għid qabel il-Passjoni. U qallhom: Morru fir-raħal ta' biswitkom. Iżda l-ħaruf veru ta' l-Għid kellu jkun huwa stess, bħalma kien ħabbar Ġwanni l-Battista: DAN HU L-ĦARUF T'ALLA.

Il-minjatura turi lil San Ġwann Battista bil-ħaruf f'idejh, simbolu tal-Ħaruf Veru li ġie sagrifikat fl-ikla ta' l-Għid. Għarkubbtejh f'riġlejh hemm il-Gran Mastru L'Isle Adam, liebes ukoll l-abiti korali u s-salib ta' l-Ordni. X'simboliżmu — il-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann għarkubbtejh f'riġlejn il-Patrun Ewlieni ta' l-Ordni — San Ġwann Battista.

Żgur li fil-kotba korali ta' l-Ordni wieħed isib aktar minjaturi fuq l-istorja ta' l-Ordni. Ta' min iqabbel per eżempju dawn iż-żewġ minjaturi ma' dawk tas-7 volumi ta' kotba korali li jinsabu fil-Mużew ta' San Ġwann u li kienu ġew regalati lill-knisja tal-Kunvent ta' l-Ordni minn L'Isle Adam innifsu.

Dawn il-kotba korali hekk sbieħ ta' l-Ordni juru li l-kavallieri kienu jagħmlu kollox bil-propjeta' u ma jixxaħħux fis-servizz ta' Alla. Fuq kollox L'Isle Adam għex fi żmenijiet ta' diffikultajiet finanzjarji kbar għall-Ordni, iżda xorta ma naqqas xejn mill-qima dekoruża fis-servizz tal-Mulej.

NOTI

1 Dan il-kalċi jissemma fi studju ta' Charles Oman, **The Treasures of the Conventual Church of St. John of Malta,** pubblikat f'**The Connoisseur** ta' Londra, fl-1970 (vol .137), fil-ħarġiet ta' Frar, Marzu, April. Ara wkoll Dun Ġwann Azzopardi, **Il-Kalċi tal-Gran Mastru L'Isle Adam,** fi **Il-Festi Tagħna,** 1979.

2 Dan l-istudju ġie pubblikat f'isem l-Assessorato ai Beni Culturali ed Ambientali ta' Palermo. Kopja tinsab fil-Bibljoteka ta' l-Arti tal-Mużew tal-Katidral.

3 Illum jinsab fil-Mużew tal-Katidral. Sa ftit ilu, l-Isqfijiet ta' Malta kienu jieħdu l-ġurament tal-ħatra fuqu.

4 Valentino Pace, **Unter Suchungen Zur Sizilianischen Buchmalerei,** pp. 431-476. Kopja tiegħu tinsab fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina.

5 In-nies responsabbli ta' din il-bibljoteka, Pamela Wallis u Stella Dyer huma ħbieb kbar ta' Malta. Din ta' l-aħħar għadha kemm ħarġet studju topografiku fuq il-veduti ta' Malta li għandhom. Nirringrazzjahom ta' kull għajnuna li tawni.